**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlos Cordina**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Kevin Borg**
**Omissis**

**Illum 22 ta' Settembru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kevin Borg** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 468282 (M) u **Omissis** billi huma akkuzati talli:

1. Fil-05 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta' l-11:40 ta' filghodu gewwa Triq San Tumas Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' gizirana ta lewn isfar minn fuq il-persuna ta' Marie Louise Busuttil liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM1000), u bil-vjolenza.

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil-

istess Marie Louise Busuttil kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok ,hin u cirkostanzi,lqaw ghandom,jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq,jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuwom jew imexxuhom.

Nakkuzaw lil Omissis wahdu:

1. Talli fl-istess cirkustanzi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' xahar prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija min Magistrat Dr.A.J.Vella LLD, liema sentenza giet konfermata mil- Onorabbli Qorti ta' Appell nhar is-27 ta' Frar, 2017.

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' sena prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija min Magistrat Dr.A.J.Vella LLD, liema sentenza giet konfermata mil- Onorabbli Qorti ta' Appell nhar is-27 ta' Frar, 2017.

Nakkuzaw lil Kevin Borg wahdu:

1. Talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi, u wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b'diversi sentenzi, kien fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi (lieva u/jew ghodda ohra) minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien.

2. U aktar talli akkuzat li hassar jew sfigura certifikat ta registrazzjoni ta vettura jew licenzja ta vettura bil-mutur jew biddel, hassar dettalji li jkunu mdahhla fihom.

3. Ukoll tall fl-istess cirkustanzi akkuzat li bi hsieb qarraq, iffalsifika, biddel, uza, ipproduca, ipprovda jew baghat dokumenti, ghamel stqarrija li jaf li kienet falza jew hassar jew sfigura certifikat ta' registrazzjoni .

4. Kif ukoll akkuzat talli bil- kitba, tpingija jew b'mod iehor, biddel hassar sfigura jew zied xi haga f'licenzja ta xi vettura bil-mutur, jew qieghed fuq vettura diska ta licenzja li tkun giet mibdula, tkun thassret, tkun giet sfigurata jew li jkun giet mizjuda xi haga fiha.

5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Marie Louise Busuttil kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi tordna il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCD 757 .

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti trid tibaghat sinjal li qatt m'hu accettabbli dak li wettaq l-imputat meta biex jeghleb problema li ghandu ta' uzura jisraq. Huwa tassew kuntannabbli li persuna miexja fit-triq ghall-affari taghha sejra lejn id-dar issib xi hadd bhal imputat li jigbdilha l-gizirana li kienet liebsa. Fejn ikun hemm problemi kif ghandu l-imputat ghandu

jirrikorri ghall-ghajnuna u mhux jibqa' jghodos fil-fond billi jzid il-problemi ma' dawk li diga' ghandu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa ricediv u l-fatt li l-imputat gharaf il-hazin f'dak li wettaq u li talab skuza lill-vittma waqt is-seduta.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 279(a), 49, 50, 86, 87, 280(2), 334, 28A, 412C tal-Kap 9 issib lill-imputat hati u tikkundannah sittax-il xahar prigunerija.

Il-Qorti qeghda taghmel ordni ta' supervizjoni ghal tliet snin millum biex il-Probation Officer assenjat jara li l-imputat jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-problemi li ghandu.

In konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti theggeg lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva biex jara li l-hati jinghata l-attenzjoni li hemm bzonn biex jirriabilita' ruhu.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**